

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-543 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE, 15.5.2019–16.5.2019

Riżoluzzjoni dwar “Ejja noħorġu nivvutaw għal Ewropa magħquda”

(2019/C 240/01)

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu tal-15 u s-16 ta' Mejju 2019 (laqgħa tal-15 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta r-riżoluzzjoni li ġejja b'226 vot favur, 4 voti kontra u 12-il astensjoni.

Ejja noħorġu nivvutaw għal Ewropa magħquda

Lejlet l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u filwaqt li titqies id-Dikjarazzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa maqbula mill-kapijiet ta' stat jew ta' gvern tal-UE27 f'Sibiu (ir-Rumanija) fid-9 ta' Mejju 2019, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jistieden liċ-ċittadini tal-UE biex jużaw id-dritt tagħhom li jivvutaw.

L-UE hija bbażata fuq valuri komuni – id-demokrazzja, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni, l-istat tad-dritt, it-tolleranza, il-ġustizzja, l-ugwaljanza, is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni demokratika. Jeħtieġ li dawn il-valuri jiġu difiżi u protetti b'mod kontinwu peress li jagħmluha possibbli għall-Ewropej li jgħixu f'soċjetà miftuħa fejn kull ċittadin jiġi rispettat u fejn, min-barra l-identità nazzjonali tagħna, tgħaqqadna lkoll flimkien identità Ewropea.

Illum il-ġurnata qed niffaċċjaw sfidi komuni u kumplessi:

- it-tibdil fil-klima;
- inugwaljanzi soċjali, ekonomiċi u territorjali;
- il-faqar;
- il-qgħad, speċjalment fost iż-żgħażaġh;
- spazju ċiviku li qed jiċkien;
- il-migrazzjoni;
- is-sigurtà u t-terroriżmu; u
- il-korruzzjoni.

In-nazzjonalizmu mhuwiex it-tweġiba.

Huwa biss permezz ta' **Ewropa magħquda** li nistgħu nagħmlu progress reali dwar dawn il-kwistjonijiet.

Aħna favur Ewropa li tqiegħed il-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħha fil-qalba tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha u li tiżgura li l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali jiġu indirizzati flimkien b'mod sostenibbli; Ewropa li tiggarantixxi l-kwalità tal-ħajja u l-impjeg, ambjent favorevoli għall-investment u l-intraprenditorija, kif ukoll aktar koeżjoni ekonomika u soċjali.

Aħna nappoġġjaw ukoll Ewropa li ttiprovdi opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jissodisfaw il-potenzjal tagħhom, u li tippromovi l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-proċessi politiki Ewropej.

Aħna, bħala rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, qegħdin naħdmu flimkien għal UE li tagħti riżultati konkreti u li tissodisfa b'mod aktar effettiv l-aspettattivi u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħha.

Inħeġġu liċ-ċittadini fl-Ewropa kollha joħorġu jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin. Nappellaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jingħaqdu fl-isforzi tagħna biex nimmobilizzaw lill-eletturi jivvutaw b'mod pożittiv għal Ewropa magħquda.

Brussell, il-15 ta' Mejju 2019.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER
